KONKLUŻJONIJIET TAL-AVUKAT ĠENERALI
SZPUNAR
ippreżentati fil-5 ta' Marzu 2015 [1]

Kawża C-78/14 P

Il-Kummissjoni Ewropea
vs

ANKO AE

"Appell — Klawżola ta' arbitraġġ — Kompetenza tal-Qorti tal-Ġustizzja — Interpretazzjoni ta' klawżola kuntrattwali"

1. L-appell preżenti kontra s-sentenza tal-Qorti Ġenerali tal-Unjoni Ewropea ANKO vs Il-Kummissjoni [2] jirrigwarda d-distinzjoni bejn kwistjonijiet ta' fatt u ta' liġi fil-kuntest ta' appell li jikkonċerna tilwima ta' natura kuntrattwali li tinvolvi klawżola ta' arbitraġġ. Peress li l-Qorti tal-Ġustizzja s'issa ħadet konjizzjoni ta' numru limitat ħafna ta' appelli ta' dan it-tip, din il-kawża ser tippermetti lill-Qorti tal-Ġustizzja tiċċara li s-sempliċi interpretazzjoni ta' dispożizzjoni kuntrattwali hija kwistjoni ta' fatt u mhux suġġetta għal appell.

Il-fatti li wasslu għall-kawża

2. ANKO AE (iktar 'il quddiem "ANKO") hija kumpannija rregolata mid-dritt Grieg li l-iskop tagħha huwa l-kummerċjalizzazzjoni u l-produzzjoni ta' prodotti tal-metall kif ukoll ta' prodotti, apparat u tagħmir elettroniku u għat-telekomunikazzjonijiet. Mis-sena 2006, hija pparteċipat f'diversi proġetti ssussidjati mill-Unjoni Ewropea.

3. Konformement mar-Regolament (KE) Nru 1906/2006 [3] u fil-kuntest iddefinit mid-Deċiżjoni Nru 1982/2006/KE [4], il-Kummissjoni tal-Komunitajiet Ewropej, hija u taġixxi f'isem il-Komunità, ikkonkludiet, fid-19 ta' Diċembru 2007 u fil-21 ta' Jannar 2008, mal-kumpaniji Siemens SA u FIMI Srl, fil-kwalità tagħhom ta' koordinaturi ta' żewġ konsorzji distinti li kienet tifforma parti minnhom ir-rikorrenti, il-ftehimiet ta' sussidju Nru 215754 u Nru 215952. Dawn il-ftehimiet ta' sussidju kellhom bħala għan, rispettivament, il-finanzjament ta' proġett intitolat "Arkitettura miftuħa għas-servizzi aċċessibbli, għall-integrazzjoni u għall-istandardizzazzjoni" (iktar 'il quddiem il-"proġett Oasis") u l-finanzjament ta' proġett intitolat "Sistema multiparametrika kumplessa għall-evalwazzjoni u l-monitoraġġ effettivi u kontinwi tal-kapaċità ta' moviment fil-każijiet tal-marda Parkinson u ta' mard ieħor li jikkawża deġenerazzjoni newroloġika" (iktar 'il quddiem il-"proġett Perform").

1 — Lingwa oriġinali: il-Franċiż.

2 — T-117/12, EU:T:2013:643 (iktar 'il quddiem is-"sentenza appellata").

3 — Regolament tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-18 ta' Diċembru 2006 li jistabbilixxi r-regoli għall-parteċipazzjoni ta' impriżi, ċentri tar-riċerka u universitajiet f'azzjonijiet taħt is-Seba' Programm Kwadru u għad-disseminazzjoni tar-riżultati tar-riċerka (2007-2013) (ĠU L 391, p. 1).

4 — Deċiżjoni tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar is-Seba' Programm Kwadru tal-Komunità Ewropea għall-attivitajiet ta' riċerka, ta' żvilupp teknoloġiku u ta' dimostrazzjoni (2007-2013) (ĠU L 412, p. 1).

4. Il-Kundizzjonijiet Ġenerali komuni għaż-żewġ ftehimiet ta' sussidju jidhru fl-Anness II (iktar 'il quddiem il-"Kundizzjonijiet Ġenerali"). Bis-saħħa tal-paragrafu 3(d) tal-Punt II.5 tal-Kundizzjonijiet Ġenerali, wara r-riċezzjoni tar-rapporti msemmija fil-punt II.4, il-Kummissjoni tista' tissospendi l-pagamenti, fi kwalunkwe ħin, tal-ammont kollu jew ta' parti mill-ammont iddestinat lill-benefiċjarju kkonċernat:

— jekk ix-xogħol imwettaq ma jkunx konformi mad-dispożizzjonijiet tal-ftehim ta' sussidju;

— jekk il-benefiċjarju jkollu jħallas lura lill-Istat somma riċevuta indebitament bħala għajnuna mill-Istat;

— fil-każ ta' ksur tad-dispożizzjonijiet tal-ftehim ta' sussidju, jew ta' suspett jew ta' preżunzjoni ta' ksur tad-dispożizzjonijiet tiegħu, b'riżultat tal-kontrolli u tal-awditi previsti fil-punti II.22 u II.23 tal-Kundizzjonijiet Ġenerali;

— fil-każ ta' suspett ta' irregolarità mwettqa minn wieħed jew iktar mill-benefiċjarji fl-eżekuzzjoni tal-ftehim ta' sussidju inkwistjoni;

— fil-każ ta' suspett jew ta' kontestazzjoni ta' irregolarità kommessa minn wieħed jew iktar benefiċjarji fl-eżekuzzjoni ta' ftehim ta' sussidju ieħor iffinanzjat mill-baġit ġenerali tal-Unjoni jew minn baġits ġestiti minnha. F'dan il-każ, il-pagamenti jiġu sospiżi meta l-irregolarità tkun ta' natura gravi u sistematika, li x'aktarx taffettwa l-eżekuzzjoni tal-ftehim ta' sussidju inkwistjoni;

5. Peress li qieset, essenzjalment, li kien hemm raġunijiet validi biex wieħed jissuspetta ksur possibbli ta' dawn il-ftehimiet ta' sussidju, b'mod partikolari tal-paragrafu 3(d) tal-Punt II.5 tal-Kundizzjonijiet Ġenerali, minħabba l-eżistenza ta' irregolaritajiet imwettqa minn ANKO, il-Kummissjoni, permezz ta' żewġ ittri tad-9 ta' Awwissu 2011, issospendiet il-ħlas lil din il-kumpannija tal-pagamenti previsti taħt il-ftehimiet, u dan bħala miżura kawtelatorja.

Il-proċedura quddiem il-Qorti Ġenerali u s-sentenza appellata

6. Permezz ta' rikors ippreżentat abbażi tal-Artikolu 272 TFUE u tal-klawżoli ta' arbitraġġ li jinsabu fil-ftehimiet ta' sussidju inkwistjoni, ANKO talbet (1) li jiġi kkonstatat li s-sospensjoni tal-pagamenti imposta mill-Kummissjoni bis-saħħa tal-proġetti Oasis u Perform tikkostitwixxi ksur tal-obbligi kuntrattwali tagħha; (2) li jiġi ordnat lill-Kummissjoni tħallasha s-somma ta' EUR 637117.17 taħt il-proġett Perform, bl-interessi previsti fil-Punt II.5(5) tal-Kundizzjonijiet Ġenerali, li jibdew jiddekorru min-notifika ta' dan ir-rikors; (3) li jiġi ordnat lill-Kummissjoni tikkonstata li ANKO ma kinitx marbuta tirrimborsa lil din l-istituzzjoni l-ammont ta' EUR 56 390 li kien tħallas lilha taħt il-proġett Oasis, u (4) li l-Kummissjoni tiġi kkundannata għall-ispejjeż.

7. Il-Qorti Ġenerali, fil-punt 79 tas-sentenza appellata, laqgħet il-motiv imressaq minn ANKO insostenn tal-ewwel kap tat-talbiet tagħha, li qal li l-Kummissjoni kienet issospendiet il-pagamenti fir-rigward tal-proġetti Oasis u Perform mingħajr ebda bażi legali u dan bi ksur tal-ftehimiet ta' sussidju konnessi ma' dawn il-proġetti. Il-Qorti Ġenerali, fil-punt 93 tas-sentenza appellata, bl-istess mod laqgħet it-tieni kap tat-talbiet "fis-sens li tfittex tikkundanna lill-Kummissjoni għall-pagament tal-ammonti kienu ġew sospiżi taħt il-proġett Perform, mingħajr ma dan il-ħlas jippreġudika n-nefqa eliġibbli ddikjarata minn [ANKO]". Min-naħa l-oħra, fil-punt 98, hija ċaħdet it-tielet kap tat-talbiet.

Il-proċedura quddiem il-Qorti tal-Ġustizzja u t-talbiet tal-partijiet

8. Permezz ta' rikors ippreżentat fir-Reġistru tal-Qorti tal-Ġustizzja fit-13 ta' Frar 2014, il-Kummissjoni ressqet dan l-appell. Il-Kummissjoni titlob lill-Qorti tal-Ġustizzja jogħġobha tannulla s-sentenza appellata u tikkundanna lill-konvenuta appellata għall-ispejjeż.

9. Permezz ta' rikors ippreżentat fir-Reġistru tal-Qorti tal-Ġustizzja fis-17 ta' Frar 2014, il-Kummissjoni talbet lill-Qorti tal-Ġustizzja tissospendi l-eżekuzzjoni tas-sentenza appellata sakemm jiġi deċiż l-appell. Permezz ta' ittra ppreżentata fir-Reġistru tal-Qorti tal-Ġustizzja fit-18 ta' Frar 2014, il-Kummissjoni talbet ukoll li tintlaqa' provviżorjament din it-talba anki qabel ma l-parti l-oħra fil-proċeduri ma tkun issottomettiet l-osservazzjonijiet tagħha, sal-għoti tad-digriet li jtemm il-proċedura għal miżuri provviżorji.

10. Permezz ta' digrieti tal-21 ta' Frar u tat-8 ta' April 2014, il-Viċi President tal-Qorti tal-Ġustizzja ddeċieda, rispettivament, li jissospendi l-eżekuzzjoni tas-sentenza appellata sal-għoti tad-digriet li jtemm il-proċedura għal miżuri provviżorji qabel ma l-parti l-oħra fil-proċedura ma tkun issottomettiet l-osservazzjonijiet tagħha u li jissospendi l-eżekuzzjoni tas-sentenza appellata sal-għoti tas-sentenza li ttemm il-proċedura tal-appell f'din il-kawża.

11. It-trattazzjonijiet tal-partijiet instemgħu fis-seduta tat-11 ta' Diċembru 2014.

Evalwazzjoni ġuridika

12. Il-Kummissjoni tqajjem motiv wieħed, li huwa maqsum f'ħames partijiet ibbażati fuq "interpretazzjoni żbaljata tal-Kundizzjonijiet Ġenerali" tal-ftehimiet ta' sussidju, jiġifieri (1) l-evalwazzjoni żbaljata tan-natura gravi u sistematika tal-irregolaritajiet bħala raġuni għas-sospensjoni; (2) l-evalwazzjoni żbaljata tal-possibbiltà jew tar-riskju tar-repetizzjoni tal-irregolaritajiet; (3) l-induzzjoni żbaljata li bdiet mill-korrezzjonijiet *ad hoc*; (4) l-interpretazzjoni żbaljata tal-possibbiltà li jintużaw l-ispejjeż medji u l-applikazzjoni żbaljata ta' din il-possibbiltà għall-ispejjeż fittizji — żnaturament tal-provi; u, fl-aħħar nett, (5) il-konfużjoni bejn il-kundizzjonijiet għal sospensjoni (suspett) u l-kundizzjonijiet għall-eliġibbiltà (ċertezza).

Demarkazzjoni bejn kwistjonijiet ta' liġi u ta' fatt f'kawża ppreżentata taħt l-Artikolu 272 TFUE

13. Għandu jitfakkar li, konformement mal-Artikolu 256 KE u mal-ewwel paragrafu tal-Artikolu 58 tal-Istatut tal-Qorti tal-Ġustizzja tal-Unjoni Ewropea, l-appell għandu jkun limitat għal punti ta' dritt u għandu jkun ibbażat fuq aggravji li jirrigwardaw nuqqas ta' kompetenza tal-Qorti Ġenerali, ta' ksur tal-proċedura quddiem il-Qorti Ġenerali li tagħmel ħsara lill-interessi tal-appellant jew fuq ksur tad-dritt tal-Unjoni mill-Qorti Ġenerali. Għaldaqstant, il-Qorti Ġenerali biss għandha l-kompetenza li tikkonstata l-fatti, ħlief fil-każ fejn l-ineżattezza materjali tal-konstatazzjonijiet tagħha tirriżulta mid-dokumenti tal-proċess li jkunu ġew ippreżentati quddiemha, u li tevalwa l-provi prodotti [5]. Il-konstatazzjoni ta' dawn il-fatti u l-evalwazzjoni ta' dawn l-elementi ma jikkostitwixxux, għalhekk, kwistjoni ta' dritt li bħala tali hija suġġetta għall-istħarriġ tal-Qorti tal-Ġustizzja fl-ambitu ta' appell, ħlief fil-każ li dawn jiġu żnaturati [6].

5 — Ara, bħala eżempju ta' din il-ġurisprudenza stabbilita, is-sentenza Commune de Millau u SEMEA vs Il-Kummissjoni (C-531/12 P, EU:C:2014:2008, punt 56 u l-ġurisprudenza ċċitata).

6 — *Ibidem.*

14. Il-linja ta' demarkazzjoni bejn kwistjonijiet ta' fatt u ta' liġi mhux dejjem faċli li tiġi identifikata. Fil-każ preżenti, il-mistoqsija ewlenija li tqum hija dik li jsir magħruf jekk l-interpretazzjoni ta' waħda mid-dispożizzjonijiet tal-Kundizzjonijiet Ġenerali ta' ftehim ta' sussidju tikkostitwixxix, bħala prinċipju, kwistjoni ta' liġi jew ta' fatt.

15. Il-ġurisprudenza tal-Qorti tal-Ġustizzja tagħti biss ftit elementi f'dan ir-rigward.

16. Fis-sentenza Il-Kummissjoni vs Alexiadou, il-Qorti tal-Ġustizzja ħassret sentenza tal-Qorti Ġenerali u bagħtitha lura għand din tal-aħħar sabiex tieħu inkunsiderazzjoni klawżola f'kuntratt li l-Qorti Ġenerali kienet injorat [7].

17. Fis-sentenza Evropaiki Dynamiki vs Il-Kummissjoni [8], il-Qorti tal-Ġustizzja wkoll ħassret sentenza tal-Qorti Ġenerali u bagħtitha lura għand din tal-aħħar. F'dan il-każ, il-Qorti tal-Ġustizzja qieset li l-Qorti Ġenerali kienet naqset milli tiddeċiedi fuq wieħed mill-kapijiet tar-rikorrenti [9], li kienet naqset milli teżamina b'mod suffiċjenti jekk ċerti spejjeż kinux eliġibbli, fi ħdan it-tifsira ta' ċerti artikoli tal-Kundizzjonijiet Ġenerali inkwistjoni [10], li ma kienx hemm applikazzjoni koerenti u motivata ta' dispożizzjoni tal-Kundizzjonijiet Ġenerali [11] u, fl-aħħar nett, li l-Qorti Ġenerali ma weġbitx b'mod adegwat għall-argumenti sottomessi mir-rikorrenti [12].

18. Madankollu, is-sempliċi interpretazzjoni ta' dispożizzjonijiet kuntrattwali ma kinitx inkwistjoni f'dawn iż-żewġ sentenzi [13].

19. Fil-kawża li wasslet għas-sentenza reċenti Commune de Millau u SEMEA vs Il-Kummissjoni [14], il-Qorti tal-Ġustizzja kienet qieset fl-ewwel istanza, li l-eżistenza ta' stipulazzjoni setgħet tiġi dedotta mill-għan tal-kuntratt. Konsegwentement, il-Qorti Ġenerali ddikjarat li kellha l-kompetenza teżamina r-rikors ippreżentat mill-Kummissjoni kontra l-Commune ta' Millau. Għall-Qorti tal-Ġustizzja, din kienet evalwazzjoni tal-fatti mwettqa mill-Qorti Ġenerali [15] u mhux kwistjoni ta' liġi suġġetta għall-eżami tal-Qorti tal-Ġustizzja. F'dan il-każ, permezz tal-ftehim bejn SEMEA [16] u l-Commune ta' Millau, din tal-aħħar kienet issuġġettat lilha nnifisha għall-klawżola ta' arbitraġġ prevista fil-Kundizzjonijiet Ġenerali tal-kuntratt konkluż bejn SEMEA u l-Kummissjoni.

20. Minn din il-ġurisprudenza jirriżulta li l-Qorti tal-Ġustizzja għadha ma laqgħetx appell ibbażat fuq l-interpretazzjoni żbaljata ta' klawżola kuntrattwali. Ir-raġunijiet li fuqhom il-Qorti tal-Ġustizzja ħassret is-sentenzi tal-Qorti Ġenerali dejjem kienu ta' natura differenti. Fil-fehma tiegħi, il-Qorti tal-Ġustizzja dejjem adottat approċċ kawt meta ġiet biex tinterpreta dispożizzjoni ta' kuntratt fil-kuntest ta' appell fuq kontenzjuż ta' natura kuntrattwali.

21. Madankollu, il-ġurisprudenza ċċitata ma taqtax espliċitament il-kwistjoni li jsir magħruf jekk l-interpretazzjoni ta' klawżola kuntrattwali tikkostitwixxix kwistjoni ta' fatt jew ta' liġi.

22. Fid-dawl ta' dawn l-elementi, is-sempliċi interpretazzjoni ta' dispożizzjoni kuntrattwali hija evalwazzjoni tal-fatti?

7 — C-436/07 P, EU:C:2008:623 (punt 19).

8 — C-200/10 P, EU:C:2011:281.

9 — *Ibidem* (punt 33).

10 — *Ibidem* (punt 41).

11 — *Ibidem* (punt 54).

12 — *Ibidem.*

13 — Sentenzi Il-Kummissjoni vs Alexiadou (EU:C:2008:623) u Evropaiki Dynamiki vs Il-Kummissjoni (EU:C:2011:281).

14 — EU:C:2014:2008.

15 — Sentenza Commune de Millau u SEMEA vs Il-Kummissjoni (EU:C:2014:2008, punt 57). Din l-evalwazzjoni wasslet lill-Qorti Ġenerali tikkonkludi li kien hemm obbligu ta' ħlas tal-Commune de Millau.

16 — Société d`économie mixte d`équipement de l'Aveyron.

23. Jiena naħseb li iva.

24. Dispożizzjoni kuntrattwali ma tikkostitwixxix sors tad-dritt fis-sens ta' norma ġuridika. F'dan il-kuntest, kuntratt ma jaqax taħt il-kunċett ta' "liġi" msemmi fl-Artikoli 256 TFUE u 58 tal-Istatut tal-Qorti tal-Ġustizzja. Għaldaqstant, l-interpretazzjoni ta' dispożizzjoni kuntrattwali ma tistax titqies li hija interpretazzjoni tad-dritt.

25. Naturalment, is-sitwazzjoni trid tiġi analizzata b'mod differenti jekk appell ikun ibbażat fuq ksur tad-dritt applikabbli għall-kuntratt, kemm jekk ikun id-dritt tal-Unjoni jew tad-dritt nazzjonali [17]. Din hija interpretazzjoni tad-dritt applikabbli għall-kuntratt.

26. Issa, il-Qorti tal-Ġustizzja ma tistax tinterpreta dispożizzjoni kuntrattwali li ma għandha l-ebda konnessjoni ma' dispożizzjoni tad-dritt tal-Unjoni mingħajr ma tindaħal fil-kompetenza tal-Qorti Ġenerali li tistabbilixxi l-fatti.

27. Analiżi qasira tas-sitwazzjoni fis-seħħ fid-dritt proċedurali ta' xi Stati Membri tikkorrabora din il-konstatazzjoni.

28. Fid-dritt Pollakk, mill-ġurisprudenza u mill-pożizzjoni prevalenti tad-duttrina jirriżulta li d-determinazzjoni tal-intenzjoni tal-partijiet għall-kuntratt jaqa' taħt l-evalwazzjoni tal-fatti u li ma hijiex suġġetta għall-istħarriġ fil-kuntest ta' kassazzjoni. Min-naħa l-oħra, il-ksur eventwali tar-regoli ta' interpretazzjoni tal-kuntratti msemmija fl-Artikolu 65 tal-kodiċi ċivili jistgħu jkunu aggravju ta' kassazzjoni [18].

29. Fid-dritt Spanjol, l-interpretazzjoni korretta ta' kuntratt ma tistax tkun kwistjoni suġġetta għal kassazzjoni. Din il-kwistjoni tmur lil hinn mill-kompetenza tal-qorti ta' kassazzjoni, u ma timplikax eżami ta' legalità iżda ndħil fil-funzjonament ta' qorti kompetenti fuq il-mertu [19].

30. Bl-istess mod, fid-dritt Taljan, l-interpretazzjoni ta' kuntratt hija bħala prinċipju rriżervata għall-qorti kompetenti fuq il-mertu u ma hijiex miftuħa għal proċedura fil-kassazzjoni, peress li tinvolvi evalwazzjoni tal-fatti [20].

17 — Jidher li l-Qorti tal-Ġustizzja ma ssibx problema tissuġġetta għal stħarriġ fl-appell dispożizzjonijiet ta' liġi materjali intrinsikament nazzjonali applikabbli għal kuntratt. Ara, b'mod partikolari, is-sentenza Il-Kummissjoni vs CCRE (C-87/01 P, EU:C:2003:400, punti 56 sa 64). L-Avukat Ġenerali Kokott fil-konklużjonijiet tagħha fil-Kawża Commune de Millau u SEMEA vs Il-Kummissjoni (C-531/12 P, EU:C:2014:1946, punti 76 u 77), hija u tinvoka l-formulazzjoni tal-Artikolu 58 tal-Istatut tal-Qorti tal-Ġustizzja, hija kritika ħafna fir-rigward ta' ġurisprudenza bħal din.

18 — Ara Ereciński, T. (red.), "Komentarz do art. 398(3)", f'Ereciński, T. (ed.), *Kodeks postepowania cywilnego. Komentarz*, Varsavja 2012, punt 11; Wojcik, M., "Kommentarz do art 398(3)", f'Jakubecki, A. (ed.), *Kommentarz do Kodesku pospowania cywilnego*, Varsavja 2012, punt 7; kif ukoll is-sentenzi tas-Sad Najwyzszy (qorti suprema tal-Polonja) tal-20 ta' Marzu 2002, Nru V CKN 945/00, u tal-15 ta' Ottubru 2002, Nru II CKN 1167/00.

19 — Ara s-sentenzi tal-Tribunal Supremo (qorti suprema ta' Spanja) tas-7 ta' Ġunju 2011 (Nru 364/2011 (FD 10)); tat-12 ta' Novembru 2012 (Nru 650/2012 (FD 3)); u tal-15 ta' Novembru 2012 (Nru 782/2012 (FD 3)).

20 — Ara s-sentenzi tal-Corte di Cassazione (qorti ta' kassazzjoni, l-Italja), Cass., 29.7.2003, Nru 11679, Cass., 14.7.2004, Nru 13075, u Cass., 4.5.2009, Nru 10232.

31. Bl-istess mod, fid-dritt Ġermaniż, id-dispożizzjonijiet ta' kuntratt ma jitqisux li huma punti ta' liġi fil-kuntest ta' appell fir-"Reviżjoni"[21]. Id-determinazzjoni tal-intenzjoni tal-partijiet toħroġ mill-evalwazzjoni tal-fatti[22]. Dan jgħodd iktar u iktar għal interpretazzjoni ta' kompromess[23]. Il-qorti fil-kuntest ta' appell fir-"Reviżjoni" hija marbuta bl-interpretazzjoni magħmula mill-qorti fuq il-mertu. Il-qorti tal-appell tista' biss tiddetermina jekk din tal-aħħar tkunx wettqet żball ta' liġi billi tkun kisret id-dispożizzjonijiet ta' liġi bħar-regoli ta' interpretazzjoni, jew jekk tkunx għamlet interpretazzjoni li tmur kontra kull regola loġika jew empirika[24].

32. Fid-dritt Litwan, l-interpretazzjoni ta' kuntratt jitqies li huwa kwistjoni ta' fatt. Il-kassazzjoni tiffoka biss fuq ksur eventwali tar-regoli ta' interpretazzjoni tal-kuntratti[25].

33. Fil-kawża preżenti, iż-żewġ ftehimiet ta' sussidju huma, bis-saħħa tal-Artikolu 9 tagħhom, irregolati mill-kliem tagħhom stess, mid-dispożizzjonijiet tad-dritt tal-Unjoni dwar is-Seba' Programm Kwadru tal-Komunità Ewropea għall-attivitajiet ta' riċerka, ta' żvilupp teknoloġiku u ta' dimostrazzjoni, mir-regolament finanzjarju tal-Unjoni, kif ukoll, sussidjarjament mid-dritt Belġjan.

34. Madankollu, il-Kummissjoni ma allegatx il-ksur ta' dawn id-dispożizzjonijiet tad-dritt tal-Unjoni. Barra minn hekk, matul is-seduta, bi tweġiba għal mistoqsija tiegħi f'dan ir-rigward, il-Kummissjoni rrilevat li mhux qed tinvoka l-ksur tad-dispożizzjonijiet tad-dritt Belġjan.

35. Huwa fid-dawl ta' dawn il-kunsiderazzjonijiet li jien ser neżamina l-ħames partijiet ta' dan l-aggravju ta' appell. Fuq din il-bażi, ma narax kif l-uniku motiv ta' "interpretazzjoni żbaljata tal-Kundizzjonijiet Ġenerali" ta' ftehimiet ta' sussidju jistgħu jqajmu kwistjonijiet ta' liġi. Għall-finijiet ta' kompletezza, jiena xorta ser nispjega fil-qosor l-argumenti mressqa mill-Kummissjoni dwar il-ħames partijiet ta' dan l-aggravju.

Fuq l-ewwel sat-tielet u l-ħames partijiet

L-argumenti tal-Kummissjoni

– Fuq l-ewwel parti, ibbażata fuq l-evalwazzjoni żbaljata tan-natura gravi u sistematika tal-irregolaritajiet

36. Il-Kummissjoni tikkritika, essenzjalment, lill-Qorti Ġenerali talli wettqet żball fl-interpretazzjoni tagħha tal-paragrafu 3(d) tal-Punt II.5 tal-Kundizzjonijiet Ġenerali u fl-applikazzjoni tagħha għall-evalwazzjoni tan-natura "gravi u sistematika" tal-irregolaritajiet inkwistjoni bħala bażi għas-sospensjoni tal-pagamenti taħt il-ftehimiet ta' sussidju. Hija targumenta, f'dan ir-rigward, li s-sospensjoni tal-pagamenti kienet ibbażata mhux fuq il-konklużjonijiet tar-rapport ta' awditu finanzjarju tal-proġetti inkwistjoni, iżda pjuttost fuq l-irregolaritajiet ta' natura gravi u sistematika, ikkonstatati matul il-kontrolli finanzjarji ta' qabel imwettqa fl-2006 u fl-2008, għal proġetti oħra li fihom il-konvenuta f'dan l-appell kienet ipparteċipat, u fuq ir-rifjut ta' din tal-aħħar li tikkonforma ruħha mar-rakkomandazzjonijiet magħmula fl-aħħar ta' dawn il-kontrolli, li għandhom ir-referenza 08-BA52-042. L-imsemmija irregolaritajiet jirrigwardaw, prinċipalment, l-imputazzjoni ta' spejjeż

21 — Fid-dritt proċedurali ċivili, ara Reichold, K., f'Thomas, H./Putzo, H. (ed.), *Zivilprozeßordnung, id-29 edizzjoni*, München 2008, § 545, punt 3. Fid-dritt proċedurali amministrattiv, ara Kopp, O., Schenke, W.-R., *Verwaltungsgerichtsordnung*, il-15-il edizzjoni, München 2007, § 137, punti 3 *et seq*.

22 — Ara Heßler, H.-J., f'Zöller R., *Zivilprozeßordnung*, it-28 edizzjoni, München 2010, § 546, punt 9.

23 — Bundesgerichtshof (qorti federali tal-ġustizzja, il-Ġermanja), sentenza tat-28.2.1957 – VII ZR 204-56 (BGHZ 24, 15).

24 — Fid-dritt proċedurali ċivili, ara Heßler, H.-J., *op. cit.*, § 546, punt 9. Fid-dritt proċedurali amministrattiv, ara Kopp, O., Schenke, W.R., *op. cit.*, § 137, punt 19.

25 — Ara s-sentenzi tal-Lietuvos Aksciausiasis Teismas (qorti suprema tal-Litwanja) tal-15 ta' April 1998, Nru 3K-21/98, tat-2 ta' Novembru 2010, Nru 3K-7-409/2010, u tal-25 ta' Marzu 2011 Nru 3K-3-132/2011.

elevati bħala spejjeż diretti ta' persunal għal xogħlijiet magħmula minn persuni li ma kellhomx il-kwalifiki xjentifiċi mitluba u l-metodoloġija ta' kalkolu tal-ispejjeż li wasslu għal stima eċċessiva tal-ispejjeż eliġibbli u l-assenza ta' affidabbiltà tas-sistema ta' reġistrazzjoni tas-sigħat ta' xogħol maħduma.

– Fuq it-tieni parti, ibbażata fuq l-evalwazzjoni żbaljata tal-possibbiltà/riskju ta' repetizzjoni tal-irregolaritajiet

37. Il-Kummissjoni ssostni li l-"metodoloġija" stess użata minn ANKO biex jiġu kkalkolati l-ispejjeż tal-persunal hija s-sors tal-irregolaritajiet, fis-sens illi hija żżid xi drabi n-numru ta' sigħat maħduma kif ukoll ir-remunerazzjoni tal-persunal. Din il-prattika żleali diġà kienet ġiet ikkonstatata f'ħames proġetti u għalhekk "tista'" jkollha impatt ukoll fuq l-eżekuzzjoni tal-proġetti inkwistjoni. Ir-rifjut tal-Qorti Ġenerali li tirrikonoxxi tali "possibbiltà" (jew suspett) tikkostitwixxi wkoll interpretazzjoni żbaljata tal-paragrafu 3(d) tal-Punt II.5 tal-Kundizzjonijiet Ġenerali.

– Fuq it-tielet parti, ibbażata fuq l-induzzjoni żbaljata minn korrezzjonijiet *ad hoc*

38. Il-Kummissjoni tammetti li ANKO għamlet xi korrezzjonijiet u xi rifużjonijiet. Madankollu, dan ma jfissirx li hija definittivament biddlet il-"metodoloġija" ġenerali tagħha. Hija sempliċement għamlet korrezzjonijiet *ad hoc* fejn l-irregolaritajiet kienu ġew identifikati u sempliċement ħallset lura xi ammonti li kienet ġiet akkużata li rċeviet indebitament, mingħajr ma ħadet miżuri ġenerali li jikkonċernaw, l-ewwel nett, il-kontroll ta' persuni impjegati u l-kwalifiki tagħhom meta mqabbla mal-programm rilevanti jew, fit-tieni nett, ir-reġistrazzjoni preċiża tas-sigħat ta' xogħol maħduma mill-impjegati, li kien jipprevjeni li fil-futur tiġi adottata mill-ġdid il-"prattika" l-antika. Għalhekk, il-fatt li jingħibdu konklużjonijiet dwar "metodoloġija" ġenerali tar-rikorrent, fuq il-bażi tal-korrezzjoni konkreta *ad hoc* tikkorrispondi ma' raġunament induttiv żbaljat li jwassal għal interpretazzjoni ħażina tal-paragrafu 3(d) tal-Punt II.5 tal-Kundizzjonijiet Ġenerali fir-rigward tal-possibbiltà tar-repetizzjoni tal-istess tip ta' irregolaritajiet fil-kuntest ta' proġetti oħra.

– Fuq il-ħames parti, ibbażata fuq il-konfużjoni bejn il-kundizzjonijiet għas-sospensjoni (suspetti) u kundizzjonijiet ta' eliġibbiltà (ċertezza)

39. Il-Kummissjoni ssemmi konfużjoni magħmula mill-Qorti Ġenerali bejn il-kundizzjonijiet għas-sospensjoni tal-pagamenti, jiġifieri sempliċi suspett, u l-eliġibbiltà tan-nefqa ddikjarata.

40. Il-Kummissjoni targumenta f'dan ir-rigward li s-sospensjoni tal-pagamenti hija biss temporanja. Għalhekk tista' tibbaża din il-miżura fuq konsegwenza possibbli u għalhekk probabbiltà sempliċi. Għaldaqstant, bl-ebda mod ma hemm il-ħtieġa li wieħed jeżiġi ksur jew xi preġudizzju ċert.

Evalwazzjoni

41. Il-Qorti Ġenerali, fil-punti 46 sa 79 tas-sentenza appellata wettqet interpretazzjoni tal-paragrafu 3(d) tal-Punt II.5 tal-Kundizzjonijiet Ġenerali.

42. Hija kkonkludiet, fil-punt 65 tas-sentenza appellata, li "l-Kummissjoni ma wriet biżżejjed taħt id-dritt la n-natura gravi u sistematika tal-irregolaritajiet identifikati, lanqas kif tali irregolaritajiet, jekk wieħed iqishom ipprovati, jistgħu jaffettwaw l-eżekuzzjoni tal-proġetti Perform u Oasis".

43. Fil-kuntest ta' dan l-appell, il-Kummissjoni qed tfittex biss li l-Qorti tal-Ġustizzja tissostitwixxi l-interpretazzjoni li tat il-Qorti Ġenerali tal-paragrafu 3(d) tal-Punt II.5, tal-Kundizzjonijiet Ġenerali b'dik tagħha.

44. Peress li l-Kummissjoni qed tikkontesta biss l-interpretazzjoni tal-paragrafu 3(d) tal-Punt II.5 tal-Kundizzjonijiet Ġenerali, nipproponi li l-Qorti tal-Ġustizzja għandha tiċħad l-ewwel sat-tielet u l-ħames partijiet bħala inammissibbli.

Fuq ir-raba' parti, ibbażata fuq interpretazzjoni żbaljata tal-possibbiltà li tintuża l-ispiża medja, ta' użu ħażin ta' din il-possibbiltà għall-ispejjeż fittizji, u ta' żnaturament tal-provi

L-argumenti tal-Kummissjoni

45. Il-Kummissjoni qabel kollox tfakkar il-kriterji li għandhom jiġu ssodisfatti b'mod kumulattiv sabiex ikunu jistgħu jiġu ddikjarati l-ispejjeż medji tal-persunal. L-ewwel nett, il-metodu ta' kalkolu tal-ispejjeż medji tal-persunal huwa kif jiġi ddikjarat mill-benefiċjarju bħala l-metodu normali tiegħu ta' kontabbiltà tal-ispejjeż; it-tieni nett, il-metodu ta' kalkolu huwa bbażat fuq l-ispejjeż reali tal-persunal tal-benefiċjarju kif jinsabu fil-kontabbiltà statutorja tiegħu, mingħajr elementi stmati jew ibbaġitjati; fit-tielet nett, il-metodu ta' kalkolu jeskludi rati medji tal-persunal u kwalunkwe spiża ineliġibbli; u r-raba' nett, in-numru ta' sigħat produttivi użati għall-kalkolu tar-rati medja ta' kull siegħa tikkorrispondi mal-prattiki normali ta' ġestjoni tal-benefiċjarju sakemm dawn jirriflettu l-istandard ta' xogħol reali tal-benefiċjarju. Fir-rigward ta' dan l-aħħar kriterju, il-Kummissjoni tenfasizza li l-Qorti Ġenerali ddikjarat li tista' tieħu inkunsiderazzjoni biss l-ispiża tas-sigħat effettivament maħduma minn persuni li kienu qed iwettqu x-xogħlijiet direttament fil-proġett.

46. Il-Kummissjoni ssostni li, billi ammettiet il-validità ta' ċerti spejjeż tal-persunal iddikjarati minn ANKO, b'riferiment għall-kliem tal-kuntratt u, b'mod partikolari, għat-tieni linja tal-paragrafu 1 tal-punt II.14 tal-Kundizzjonijiet Ġenerali, il-Qorti Ġenerali ma rrikonoxxietx, fil-punti 71 sa 75 tas-sentenza appellata, il-portata tal-klawżoli kuntrattwali li jippermettu l-użu ta' metodu ta' kalkolu ta' spejjeż ibbażati fuq il-medja, iżda biss sal-punt fejn il-kalkolu ta' din il-medja ssir fuq bażi ta' spejjeż tal-persunal reali u mhux fittizji. L-użu ta' "medja" taħt il-klawżoli inkwistjoni ma tistax tivvalida dawn l-ispejjeż fittizji, kemm-il darba li din il-medja għandha tiġi stabbilita fuq il-bażi tal-ispejjeż reali.

47. F'dan ir-rigward. Il-Kummissjoni tfakkar li hija kkontestat mhux il-possibbiltà ta' użu ta' rati medji għall-ispejjeż tal-persunal, iżda pjuttost it-teħid inkunsiderazzjoni ta' spejjeż li ma humiex reali, kemm għaliex ir-remunerazzjonijiet ma jikkorrispondux mal-ispeċjalizzazzjoni tal-persunal impjegat, kemm għaliex is-sigħat ta' produzzjoni ma humiex reali, imma fittizji. Issa, hija tfakkar li l-eżattezza tal-elementi meħuda inkunsiderazzjoni hija prinċipju ġenerali ta' ġestjoni tajba u, fi kwalunkwe każ, kundizzjoni għar-rimbors tal-ispejjeż mill-baġit tal-Unjoni, li tissarraf fuq livell tal-ftehim ta' sussidju fl-obbligu ta' reġistrazzjoni tas-sigħat maħduma u tal-ispejjeż reali. L-użu eventwali ta' rati medji, li, fi kwalunkwe każ, ANKO ma wettqitx, hija kwistjoni differenti li ma tippermettix li jittieħed kont tal-ħinijiet jew tal-kwalifiki fittizji u tal-ineżistenza ta' persunal mhux ikkwalifikat.

48. Għalhekk, l-interpretazzjoni tal-paragrafu 3(d) tal-Punt II.5 tal-Kundizzjonijiet Ġenerali hija żbaljata u l-argument espost invalidu, sa fejn diġà ġie kkonstatat għall-ħames proġetti li l-ispejjeż invokati mill-konvenuta appellata ma kinux, almenu parzjalment, reali, kif jeżiġu l-Kundizzjonijiet Ġenerali tal-ftehimiet ta' sussidju

49. Skont il-Kummissjoni, ir-raġunament tal-Qorti Ġenerali f'dan il-kuntest jista' wkoll jitqies li huwa żnaturament tal-provi sa fejn ANKO kienet użat mhux l-ispejjeż medji, iżda numri speċifiċi ta' sigħat ta' produzzjoni kif ukoll remunerazzjonijiet preċiżi li, fir-rigward tal-ftehimiet ta' sussidju preċedenti, kienu ġew ikkoreġuti *ad hoc* għal kull impjegat, kif jirriżulta mir-rapporti ta' awditu.

Evalwazzjoni

50. Sa fejn il-Kummissjoni tikkontesta l-interpretazzjoni magħmula mill-Qorti Ġenerali, nirreferi għall-evalwazzjoni tiegħi fil-punti 41 sa 44 hawn fuq.

51. Fir-rigward tal-allegat żnaturament tal-provi mill-Qorti Ġenerali, għandu jiġi kkonstatat, qabel kollox, li l-Kummissjoni bbażat ruħha espressament fuq dan iż-żnaturament, kif mitlub mill-ġurisprudenza tal-Qorti tal-Ġustizzja [26].

52. Skont ġurisprudenza stabbilita, "żnaturament għandu jirriżulta b'mod ċar mill-atti tal-proċess, mingħajr ma jkun meħtieġ li ssir *evalwazzjoni ġdida* [27] tal-fatti u tal-provi" [28]. Il-Qorti tal-Ġustizzja kultant użat formula xi ftit iktar flessibbli, li tgħid li "[...] ikun hemm żnaturament fejn, mingħajr ma jsir riferiment għal provi *ġodda* [29], l-evalwazzjoni tal-provi eżistenti tkun manifestament żbaljata" [30].

53. Żnaturament tal-provi jimplika li l-Qorti Ġenerali tkun manifestament qabżet il-limiti ta' evalwazzjoni raġonevoli tal-provi. Sabiex tintwera l-eżistenza ta' żnaturament, ma huwiex biżżejjed li wieħed joffri interpretazzjoni differenti ta' dawn il-provi minn dik adottata mill-Qorti Ġenerali [31].

54. Jiena nqis li l-interpretazzjoni adottata mill-Qorti Ġenerali fil-punti 71 sa 79 tas-sentenza appellata ma tikkostitwixxix żnaturament tal-provi.

55. Fil-punt 75 tas-sentenza appellata, il-Qorti Ġenerali tirreferi għall-paragrafu 1(d) u għat-tieni paragrafu tal-Punt II.14 tal-Kundizzjonijiet Ġenerali. Anki jekk wieħed jista' jkollu opinjoni differenti fuq is-sistema ta' imputazzjoni tal-ispejjeż applikati minn ANKO, l-interpretazzjoni magħmula mill-Qorti tal-Ġustizzja ma tidhirx li hija manifestament żbaljata. Fl-interpretazzjoni tad-dispożizzjonijiet tal-Kundizzjonijiet Ġenerali, hija l-Qorti Ġenerali li għandha tevalwa liberament il-fatti, jiġifieri l-kontenut tal-Kundizzjonijiet Ġenerali, l-intenzjonijiet tal-partijiet kif ukoll iċ-ċirkustanzi li fihom il-kuntratt ġie konkluż u eżegwit. Anki jekk soluzzjoni differenti minn dik adottata mill-Qorti Ġenerali tista' tiġi kkunsidrata, l-evalwazzjoni ta' din tal-aħħar ma tistax titqies li hija manifestament żbaljata u li twassal għal żnaturament tal-provi.

56. Għaldaqstant nipproponi li l-Qorti tal-Ġustizzja tiċħad ir-raba' parti bħala infondata.

Konklużjoni

57. Fid-dawl ta' dan kollu li ntqal, nipproponi lill-Qorti tal-Ġustizzja tiċħad l-appell u tikkundanna lill-Kummissjoni għall-ispejjeż.

26 — Għal dan ir-rekwiżit, ara, pereżempju, id-digriet Carrols vs UASI (C-171/12 P, EU:C:2013:131, punt 36).

27 — Enfasi miżjuda minni.

28 — Ara s-sentenza Tomra Systems *et* vs Il-Kummissjoni (C-549/10 P, EU:C:2012:221, punt 27 u l-ġurisprudenza ċċitata).

29 — Enfasi miżjuda minni.

30 — Ara s-sentenza PKK u KNK vs Il-Kunsill (C-229/05 P, EU:C:2007:32, punt 37). L-Avukat Ġenerali Kokott, fil-konklużjonijiet tagħha f'din il-kawża (C-229/05 P, EU:C:2006:606, punt 42) tispjega d-differenza bejn iż-żewġ formoli b'dan il-mod: "ir-rikonoxximent taż-żnaturament ta' evidenza jinvolvi wkoll apprezzament tiegħu. Żnaturament tal-provi huwa pjuttost meta, mingħajr ma jsir riferiment għal provi ġodda, l-evalwazzjoni tal-provi eżistenti tkun manifestament żbaljata".

31 — Ara s-sentenzi Activision Blizzard Germany vs Il-Kummissjoni (C-260/09 P, EU:C:2011:62, punt 57) u Il-Kummissjoni vs Aalberts Industries *et* (C-287/11 P, EU:C:2013:445, punt 52).